MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2010

Avviz Numru. 95/2009

**JP Baldacchino & Co. Limited**

**Vs**

**All Sports International Limited**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avviz ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-tlettax (13) ta' Marzu 2009, permezz ta' liema s-socjeta attrici talbet lil Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' sitt elef u erbgha euro u tlieta u sebghin euro centesmi (EURO 6004.73) rapprezentanti prezz dovut ghall-fornituri ta' (*galvanised chainlink fencing*) + (*galvanised pipes*) u (*galvanised allen key type structural fittings*) debitament ikkonsenjati lilha u mhux imhallsa kif jirrizulta mill-anness fattura.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta konvenuta ngunta 'n subizzjoni u u bl-imghax komputat a tenur tal-artikolu 26A

u 26E tal-Kodici tal-Kummerc mid-data tal-isakdenza ta' kull fattura.

Rat illi is-socjeta konvenuta kienet debitament notifikata skond riferta posittiva tal-Marixxal Raymond falzon datata tlettax (13) t'Ottubru 2009 kif jirrizulta a fol. 12 tergo tal-process meta thalliet kopja tal-avviz fil-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi, fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi, kif ukoll fl-indirizz tas-socjeta konvenuta.

Rat ukoll li is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata b'dawn il-proceduri permezz ta' pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern nhar is-sittax (16) t'Ottubru 2010 kif jirrizulta a fol. 11 u fil-gazzetta lokali 'L-Orizzont' tal-harga tal-hmistax (15) ta' Marzu 2010.

Illi fis-seduta tas-sittax (16) ta' Marzu 2010 is-socjeta attrici pprezentat Kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta.

Rat illi fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Marzu 2010 il-konvenuti gew imsejjha diversi drabi izda baqa ma deher hadd, la biex jikkontesta t-talba tas-socjeta attrici u lanqas biex jirrispondu ghad-domandi 'n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa it-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt elef u erbgha euros u tlieta u sebghin euro centesmi (EURO 6004.73) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra s-socjeta konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------